MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 85/2009

Strand Palace Agencies Limited (C3838).

Vs

Paul Borg.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma bilancjali ta' elf, tlett mija u hdax-il ewro u seba u hamsin centezmu (€1311.57) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Lulju 2008 u bl-imghax legali mill-11 ta' Dicembru 2003, data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa (i) illi huwa kien inkariga lil ibnu John Borg jiehu hsieb il-hanut fis-Suq tal-Belt, u ghal snin twal dan kien jordna diversi prodotti minghand agenti diversi. Il-prattika normali kienet li kull *invoice* tithallas ghaliha fi zmien qasir wara li jsiru l-verifiki dwar il-merca li tkun ingiebet. L-intimat prova jindaga minn fejn gejja l-pretensjoni ta' l-atturi izda qatt ma intwera d-*delivery notes* (iffirmati) b'referenza ghall-*invoices* li allegatament ma thallsux. L-intimat jifhem li jista' jkun li xi invoices ma thallsux bi zvista, imma fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija ezagerata; (ii) jekk l-atturi qed jirreferu ghal xoghol, *deliveries* u *invoices* antiki li l-esponent ma jkunx jista' jirribatti minhabba t-trapass taz-zmien u ma jkunx zamm ir-*records,* allura tkun applikabbli l-preskrizzjoni tal-hames snin ai termini tas-subartikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili.

Sema' x-xhieda ta' John Borg prodott mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Leslie Cuschieri prodott mill-konvenut.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Paul Borg.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' April 2010 fejn il-kawza giet differita' ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

**Ikkunsidra.**

Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu, l-konvenut qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni ai temini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili li jippremetti hekk kif gej:-

*'L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.'*

Illi skond id-dokument PB1, l-*invoices* li dwarhom qed issir din il-kawza, jkopru l-perjodu bejn il-31 ta' Jannar tas-sena 2002, u l-11 ta' Dicembru tas-sena 2003. Fil-fatt fl-Avviz stess, is-socjeta' attrici ssemmi l-11 ta' Dicembru 2003 bhala d-data meta saret l-ahhar konsenja.

Skond ix-xhud John Borg, li jigi t-tifel tal-konvenut, minn dakinhar tal-11 ta' Dicembru 2003 'l hawn, la hu u lanqas missieru ma kienu rcevew xi ittra ufficjali minghand is-socjeta' attrici. Fil-fatt it-Tribunal josserva li da parti tas-socjeta' attrici ma gie pprezentat l-ebda att gudizzjarju li seta' jinterrompi l-perjodu ta' preskrizzjoni.

Illi huwa minnu wkoll li l-kawza odjerna giet ipprezentata mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Frar 2009, u cioe oltre t-terminu ta' hames snin kif stipulat mill-ligi.

Madankollu, jirrizulta car mix-xhieda tal-konvenut Paul Borg stess, li alavolja huwa qatt ma accetta li kien debitur fl-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, huwa kien qieghed jirrikonoxxi li kien debitur tas-socjeta' attrici f'ammont ferm inferjuri, u li dan id-debitu kien jirrisali ghas-snin bejn il-2002 u il-2003. Fil-fatt fix-xhieda tieghu, l-konvenut ammetta li kien offra li jhallas lis-socjeta' attrici somma a saldu tal-pretensjoni taghha, liema offerta ma kenitx giet accettata mill-istess socjeta' attrici. Apparti dan, anki fir-risposta tieghu huwa car li l-konvenut kien qed jirrikonoxxi li kien debitur tas-socjeta' attrici meta jinghad testwalment hekk fl-ewwel eccezzjoni tieghu – '<u>l-intimat jifhem li jista' jkun li xi *invoices* ma thallsux bi zvista, imma fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija esagerata.</u>'

Illi dan iwassal lit-Tribunal sabiex jikkonkludi li alavolja l-konvenut qatt ma accetta li huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont kollu li din kienet qed titlob minghandu, xorta wahda kien qieghed jirrikonoxxi li kien debitur f'parti

mill-ammont mitlub. Li kieku le, zgur li ma kienx ser joffri li jaghmel kwalsiasi hlas. Oltre dan, mix-xhieda tal-konvenut jirrizulta car li huwa kien konxju tal-fatt li kellu x'jaghti lis-socjeta' attrici, izda qatt ma kien f'pozizzjoni li jikkonferma ezattament kemm. Il-konvenut kien jaf ukoll li d-debitu pendenti kien jikkoncerna l-perjodu 2002 u 2003.

Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Victor Calleja nomine vs Nazzareno Vassallo et nomine, deciza fil-5 ta' Ottubru 1998, '*fejn id-debitur ma jichadx id-dejn imma sempliciment jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut, allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi u tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri'*.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, u jordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu. L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------